MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 205/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera SAMSUNG ELECTRONICS CO. LTD., ta’ Yeongtong-gu, Maetan-Dong, No. 416 Suwon-Si, Gyeonggi Province 443-742, Repubblika tal-Korea.**

**vs.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b’digriet tat-22 ta’ April 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil NOUR LINE P/C M.B.M.T, b’indikazzjoni bhala ndirizz ta’ “Avenue Hedi Nouira, Tunis” fit-Tunezija.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera SAMSUNG ELECTRONICS CO. LTD, ta' Yeongtong-gu, Maetan-Dong, No. 416 Suwon-Si, Gyeonggi Province 443-742, Repubblika tal-Korea datat 3 ta' April 2010 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi s-socjeta` attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, in konnessjoni ma' prodotti elettronici u ta' *information technology* fosthom prodotti tat-telefonija, kif ukoll ma' accessorji ghal dawn il-prodotti, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha.

Illi fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) il-markji "SAMSUNG" (kelma, numru 001877901) u "SAMSUNG" (figurattiva, numru 000506881), u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti elettronici, prodotti ta' *information technology* fosthom prodotti tat-telefonija, kif ukoll dwar accessorji ghal dawn il-prodotti.

Illi s-socjeta` attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003** *concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights* u tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-**

**Ligijiet ta' Malta),** biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 10, 2(1)(a), 16** u **17** tal-istess **Council Regulation (EC) No 1383/2003** fost ohrajn, u taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 2 (1) (a), 4** u **8 (1)** tal-istess **Kap. 414** fost ohrajn.

Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) No* 1383/2003** u fl-**artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*containers* ECMU 8013980 u ECMU 8024135 kontenenti *inter alia* kwantita` ta' prodotti u cioe` *mobile phone accessories* (batteriji dwar *mobile phones, chargers* dwar *mobile phones* u *headphones/earphones* ghal *mobile phones* gewwa l-*container* ECMU 8013980, kif ukoll batteriji dwar *mobile phones* gewwa l-*container* ECMU 8024135), liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli - ilkoll fihom *trademarks* "SAMSUNG" bhal dawk tas-socjeta` attrici debitament irregistrati kif hawn qabel imsemmi, liema artikoli waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' trasbord (*transhipment*), u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejbiet rispettivament fit-2 ta' Frar 2010 (dwar *container* ECMU 8024135) u fit-23 ta' Frar 2010 (dwar *container* ECMU 8013980) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopji ta' dokumenti relattivi ghal dan il-kaz intitolati *DRAFT BILL OF LADING* fejn f'kull kaz, fil-kaxxa relattiva ghall-*CONSIGNEE* hemm indikat NOUR LINE P/C M.B.M.T, b'indikazzjoni bhala indirizz ta' "Avenue Hedi Nouira, Tunis" fit-Tunezija.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox (a) 7,790 *mobile phone chargers*, 1,000

*headphones/earphones for mobile phones* u 400 *mobile phone batteries* li nstabu gewwa l-*container* ECMU 8013980, u (b) *6,000 mobile phone batteries* li nstabu gewwa l-*container* ECMU 8024135, jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikolu 9 1. (a)** u (b) tal-**Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community Trade Mark,** u tar-regolament numru 9 tal-**Avviz Legali 233 tal-2003.**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga termini sat-3 ta' Marzu 2010 (dwar is-sejba gewwa l-*container* ECMU 8024135) u sad-9 ta' Marzu 2010 (dwar is-sejba gewwa l-*container* ECMU 8013980) sabiex is-socjeta` attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-prodotti konsistenti f'*mobile phone accessories*, senjatament batteriji dwar *mobile phones, chargers* dwar *mobile phones* u *headphones/earphones* ghal *mobile phones*, liema prodotti (u materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli) ilkoll fihom *trademarks* "SAMSUNG" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*containers* ECMU 8013980 (kontenenti batteriji dwar *mobile phones, chargers* dwar *mobile phones* oltre ghal *headphones/earphones* ghal *mobile phones*) u ECMU 8024135 (kontenenti batteriji dwar *mobile phones*) kien

fihom l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li oggetti falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda  (fol. 3) u hdax-il dokument (11) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "K" kif jidhru a fol. 6 sa fol. 50 tal-process.

Rat id-digriet datat 22 ta' April 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati hemm indikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 27 ta’ Ottubru 2008 (fol. 79) fejn ecceppew li:-

(1) Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’ kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda esebita mill-istess kuraturi deputati a fol. 69 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li pprezenta nota u rriserva li jipprezenta nota b’dokument mhux aktar tard minn hamest ijiem minn dakinhar bil-visto tad-difensuri tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat in-nota attrici datata 22 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**</u>

Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tal-marka “Samsung” in konnessjonijiet ma’ inter alia prodotti elektronici u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks skond Dok. “B” sa “C” annessi mal-istess.

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*containers* ECMU 8013980 u ECMU 8024135 kontenenti *inter alia* kwantita` ta’ prodotti u cioe` *mobile phone accessories* (batteriji dwar *mobile phones, chargers* dwar *mobile phones* u *headphones/earphones* ghal *mobile phones* gewwa l-*container* ECMU 8013980, kif ukoll batteriji dwar *mobile phones* gewwa l-*container*

ECMU 8024135), liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli - ilkoll fihom *trademarks* "SAMSUNG" bhal dawk tas-socjeta` attrici debitament irregistrati kif hawn imsemmija u ndikat fl-azzjoni attrici.

Illi jirrizulta li l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox (a) 7,790 *mobile phone chargers*, 1,000 *headphones/earphones for mobile phones* u 400 *mobile phone batteries* li nstabu gewwa l-*container* ECMU 8013980, u (b) *6,000 mobile phone batteries* li nstabu gewwa l-*container* ECMU 8024135, jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li oggetti falsifikati skond kif jirrizulta mir-rapport 15 ta' Gunju 2010 (Dok. "LAS 07") u liema oggetti kienu destinati ghas-socjeta'/entita' intimata (Dok. "D" u "E"). Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikolu 9 1. (a)** u (b) tal-**Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community Trade Mark, u tar-regolament numru 9 tal-Avviz Legali 233 tal-2003.**

Illi dan jirrizulta kollu kkonfermat bl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 3 ta' Marzu 2010 (Dok. "J" fol 45) u kif ukoll mix-xhieda u d-dokumenti l-ohra prodotti u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati u filwaqt li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghaliex ma hemmx bzonnha, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz, b'dan li *ai fini* tar-raba' talba ghandhom jigu nkluzi l-ispejjez indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "J").

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-istess, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-prodotti konsistenti f'*mobile phone accessories*, senjatament batteriji dwar *mobile phones, chargers* dwar *mobile phones* u *headphones/earphones* ghal *mobile phones*, liema prodotti (u materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli) ilkoll fihom *trademarks* "SAMSUNG" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*containers* ECMU 8013980 (kontenenti batteriji dwar *mobile phones, chargers* dwar *mobile phones* oltre ghal *headphones/earphones* ghal *mobile phones*) u ECMU 8024135 (kontenenti batteriji dwar *mobile phones*) kien fihom l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li huma oggetti falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenuta.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha;

4. Tordna li l-entita` konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------